

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-Unjoni: il-prinċipji ta' legalità, ta' ċertezza legali, ta' aspettattivi leġittimi, ta' amministrazzjoni tajba u ta' proporzjonalità, kif ukoll tal-obbligu ta' evalwazzjoni diliġenti u imparzjali: id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

- (¹) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat- 18 ta' Settembru 2012 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU 2012 L 252, p. 26).
- (²) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463, bir-rettifiki fil-ĠU L 327, 12.11.2014, p. 9 u fil-ĠU L 227, 20.8.2016, p. 5).
- (³) Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009 L 309, p. 1).
- (⁴) Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008 L 353, p. 1, bir-rettifiki fil-ĠU L 16, 20.1.2011, p. 1, fil-ĠU L 349, 21.12.2016, p. 1, u fil-ĠU L 117, 3.5.2019, p. 8).

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2020 – BG vs Il-Parlament

(Kawża T-164/20)

(2020/C 201/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: BG (rappreżentanti: A. Tymen, L. Levi, u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-20 ta' Mejju 2019 li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-assistenza ta' Lulju 2017;
- jekk hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-10 ta' Diċembru 2019 li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tal-20 ta' Awwissu 2019;
- tagħti kumpens għad-dannu morali subit mir-rikorrenti minħabba tort tal-konvenut, stmat fis-somma ta' EUR 50 000;
- tħallas lura l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali tas-smiġh (Artikolu 41(2)(a) tal-Karta).
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali li jkollu l-affarijiet tiegħu ttrattati imparzjalment u b'mod ġust (Artikolu 41(1) tal-Karta) u l-ksur tal-Artikolu 24 SR u tad-dmir ta' premura.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali li wieħed jirċievi deċiżjoni li tagħti l-motivi (Artikolu 41(2)(c) tal-Karta u Artikolu 25 SR).

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni u ksur tal-Artikoli 12a u 24 SR.

Dwar it-talba għall-kumpens, ir-rikorrenti tesponi t-tort tal-konvenut, id-dannu li soffriet u r-rabta bejn it-tort u d-dannu.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' April 2020 – JD vs BEI

(Kawża T-166/20)

(2020/C 201/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: JD (rappreżentant: H. Hansen, avukat)

Konvenut: BEI

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannula d-deċiżjoni (i) li tirrikjedi li r-rikorrent jiffirma addendum għall-kuntratt tax-xogħol tiegħu b'tali mod li jirrinunzja għal ċerti drittijiet tas-sigurtà soċjali u (ii) li r-rikorrent ma jitħallix jidħol fis-servizz tal-BEI sakemm ma jiffirmax l-imsemmi addendum;
- tordna lill-konvenut jirtira l-ittra li tipproponi l-imsemmi addendum u t-talba assoċjata li r-rikorrent jiffirma l-addendum inkwistjoni bħala kundizzjon minn qabel għad-dħul fis-servizz;
- tordna li l-konvenut jħalli lir-rikorrent jidħol fis-servizz tal-BEI b'remunerazzjoni u benefiċċji retroattivi b'effett mid-data ta' dħul fis-servizz stabbilita fil-kuntratt;
- tordna li l-ispejjeż kollha jiġu sostnuti mill-konvenut; u
- tirriżerva d-drittijiet kollha tar-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq allegazzjoni ta' ksur tar-rekwiżiti ta' protezzjoni tad-data

- Ir-rikorrent jargumenta li l-konvenut kiser l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (¹). Il-konvenut uża r-risposti għal kwestjonarju mediku sabiex jirrestingil-kopertura fil-każ ta' mewt jew invalidità, minkejja li l-avviż ta' protezzjoni tad-data fil-kwestjonarju ma kienx jiddikjara li dan jista' jintuża għal dan il-għan.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq allegazzjoni li ma hemmx bażi legali għall-esklużjoni mill-kopertura mfittxija mill-BEI.

- Ir-rikorrent jargumenta li l-konvenut kiser l-Artikolu 33d tar-Regolamenti tal-Persunal II u l-Artikolu 9.1.2 tar-Regoli tal-Persunal. Il-baży legali invokata mill-BEI (l-Artikolu 6-1 tar-Regolamenti dwar l-Iskema tal-Pensjoni) ma tistax raġonevolment titqies bħala li hija proposta mill-BEI. Tali argumentazzjoni tonqos milli tiħu inkunsiderazzjoni id-definizzjoni u l-għan iddikjarat tal-evalwazzjoni medika ta' qabel l-impjeg kif iddefinita fl-Artikolu 2.1.1. A tal-Anness X tar-Regoli tal-Persunal.